# PARTI MINN WIRJA DWAR L-ILSIEN MALTI ESEBITA B'MOD PERMANENTI FI BRUSSELL

**Stqarrija | 25 ta' Settembru 2023**

Parti mill-wirja *Il-Malti: Il-Mixja sal-Għarfien Uffiċjali*, li ttellgħet f'Malta aktar kmieni din is-sena, issa hija esebita b'mod permanenti fil-bini LEX fi Brussell, fejn hemm miġburin l-unitajiet kollha tat-traduzzjoni tal-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

F'Malta, il-wirja kienet ittellgħet bejn Frar u April fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u kienet il-frott ta' kollaborazzjoni bejn Heritage Malta u l-Akkademja tal-Malti. Permezz ta' dokumenti, kotba u tabelli bit-tagħrif, il-wirja f'Malta kopriet l-istorja tal-ilsien Malti mill-għeruq Semitiċi tiegħu sakemm fl-1964 ġie dikjarat bħala l-ilsien nazzjonali ta' Malta u fl-2004 bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Wara s-suċċess tal-wirja f'Malta, ġie deċiż li kopji tat-tabelli bit-tagħrif li kienu parti mill-wirja f'Malta jitqiegħdu għall-wiri b'mod permanenti fi Brussell, kif fil-fatt sar bl-għajnuna ta' Heritage Malta. L-organizzazzjoni tal-wirja fi Brussell saret mill-Unità Maltija tat-Traduzzjoni, bħala parti mill-attivitajiet li ttellgħu mis-Servizz tat-Traduzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (LING) fl-okkażjoni tax-xahar iddedikat għall-multilingwiżmu.

Għall-ftuħ ta' din il-wirja, li sar fil-15 ta' Settembru, kienu preżenti fost oħrajn ir-Rappreżentanta Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, l-Ambaxxatriċi Marlene Bonnici, kif ukoll l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Belġju, Clint Tanti, li għamlu diskorsi tal-okkażjoni. Dawk preżenti ġew indirizzati wkoll mill-Kap tal-Unità Maltija tat-Traduzzjoni, Monika Barabasz Lopes, u minn waħda mid-Diretturi tas-Servizz tat-Traduzzjoni, Katelijn Serlet.

Wara sar kunċert bil-pjanu b'kanzunetti Maltin mill-pjanista Sandro Balzan, li huwa wkoll membru fl-Unità Maltija tat-Traduzzjoni.

Fost l-attivitajiet li huma ppjanati fil-futur b'rabta mal-wirja fi Brussell hemm żjara mit-tfal Maltin li jattendu l-Iskola Ewropea tal-belt kapitali Belġjana, bil-ħsieb li jkompli jitkattar l-għarfien dwar il-lingwa Maltija.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta